



Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. en)

5896/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0374(NLE)

SCH-EVAL 13
SIRIS 16
COMIX 57

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen / Kumitat Imħallat (UE-Iżlanda/Norveġja/Żvizzera/Liechtenstein)
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5895/22
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-Irlanda tal-2021 dwar l-issodisfar tal-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-Irlanda bil-ħsieb tal-issodisfar tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fl-2021.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Irlanda tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa kollha għall-applikazzjoni tar-regoli ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fil-31 ta' Jannar 2022.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 5895/22, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
